MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru 1194/2006

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

George Pace

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 183179(m) akkuzat talli:

1. filwaqt li kien hdejn ir-roundabout ta’ Xontell, limiti ta’ Hal-Tarxien nhar il-25 ta’ Awissu, 2006, ghal habta tal-11.45 ta’ filghodu, dolozament bil-hsieb li jikkaguna ferita’ ta’ natura gravi fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali G-225 Mark Zammit, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi saq vettura tal-

ghamla Mitsubishi, mudell Lancer, bin-numru tar-registrazzjoni DBD-294 fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu u dana ai termini tal-artikoli 41, 214 u 216(1)(a)(b) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien hdejn ir-roundabout ta' Xintill, limiti ta' Hal-Tarxien, bi vjolenza u b'theddid gieghel lill-Gwardjan Lokali G-225 Mark Zammit jaghmel jew ma jaghmilx xi haga xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu u dana bi ksur ta' l-artikolu 91 tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien hdejn ir-roundabout ta' Xintell, limiti ta' Hal-Tarxien, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-Gwardjan Lokali G-225 Mark Zammit, bhala persuna onkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienet qed tagixxi fl-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dana bi ksur ta' l-Artikolu 96 tal-Kap 9;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien hdejn ir-roundabout ta' Xintill, limiti ta' Hal-Tarxien, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess Gwardjan Lokali G-225 Mark Zammit, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dana bi ksur ta' l-Artikolu 85 tal-Kap 9;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' li wiehed jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u dana bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi, mgell Lancer, bin-numru ta' registrazzjoni DBD-294 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'manjiera perikoluza u dan bi ksur tal-artokolu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap 65;

7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi, mudell Lancer, bin-numru tar-registrazzjoni DBD-294 b'giri aktar milli jmissu;

8. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi, mudell Lancer, bin-numru ta' registrazzjoni DBD-294 ma kienx libes ic-cintorin ta' sigurta';

9. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrifjuta li jghati jew ta falz lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismek, kunjomok, fejn toqghod u partikolaritajiet ohra u dana bi ksur ta' l-artikolu 338(g) tal-Kap 9;

10. fl-istess data, hin u lok kellu fil-pussess tieghu arma, cjoe' pistola, fil-hin li wettaq l-immsemmi reati;

11. fl-istess data, hin u lok kellhu fil-pussess tieghu u gar arma u munizzjon ipprojibiti u dana bi ksur ta' l-artikolu 3(a) u l-iskeda numru ! u l-artikolu 5(1) u l-iskeda numru 2 tal-Kap 480;

12. sae recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta ippreseduta mill-Magistrat Miriam Hayman nhar il-25 ta' Gunju 2003.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil-kaz odjern li taw lok ghall-akkuzi kontra l-imputat sehhew f'Tarxien kif jsemma fl-akkuza filwaqt li l-imputat twaqqaf mill-Gwardjan Lokali li kien ghassa fir-roundabout ghaliex ma kienx libes ic-cintorin ta' sigurta'.

Trattati l-akkuzi fil-kronologija li naghtaw din il-Qorti ghandha xi tghid s-segwenti:

- li fil-konfront ta' l-ewwel akkuza li tittratta l-attentat ta' ferita gravi l-prosekuzzjoni kellha, sabiex tirnexxi

tipprova din l-akkuza, li turi l-intenzjoni specifika tal-imputat li jikkawza ferita gravi fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali. Mix-xhieda ta’ dan ta’ l-ahhar mhux talli din l-intenzjoni fl-imputat ma tirrisultax izda lanqas tirizulta xi intenzjoni generika fl-imputat li ried jikkawza xi tip ta’dannu fuq il-persuna tal-Gwardjan Lokali - konsegwentement din l-akkuza ma tirrizultax.

- li wkoll ma tirrisultax it-tieni akkuza impernjata fuq l-Artikolu 91 tal-Kap 9. Fil-kaz ta’ din l-akkuza certament, u f’kull kaz, ma humiex riskontrabbli l-elementi essenzjali ghas-susistenza tieghu, senjatament, il-vjolenza jew it-theddid. Ghal dak li jirrigwarda lil din il-Qorti l-allegazzjoni tal-Gwardjan Lokali dwar l-arma tan-nar hi biss frott l-immaginazzjoni u impressjonabilta’ tal-istess Gwardjan Lokali.
- li dwar it-tielet akkuza ippernjata fuq l-Artikolu 96 tal-Kap 9 r-resistenza trid tkun wahda attiva. Il-fatt li l-imputat qabad u saq hi wahda passiva u kwindi mhiex kolpita taht dan l-artikolu.
- li dwar r-raba akkuza, msejjsa taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9, ghalkemm gwardjan lokali jaqa’ taht id-definizzjoni ta’ “persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku”, huwa eskluz mix-xhieda tal-Gwardjan Lokali li l-imputat uza fil-konfront tieghu ingurji, theddid jew ukoll li ghamillu offiza. Ghalhekk anka din l-akkuza ma tirrisultax.
- li l-hames, t-tmien u d-disa akkuza ser jigu trattati simultanjament billi jirrisulta li huma kolpiti lkoll bil-preskrizzjoni ta’ tlett xhur. Kien obbligu tal-prosekuzzjoni li tippresenta r-riferta postiva tan-notifika tac-citazzjoni lill-imputat wara li giet ippresentata c-citazzjoni fir-registru u qabel l-ewwel udjenza entro l-perjodu ta’ tlett xhur mid-data tal-kummissjoni tal-offizi. Dan l-prosekuzzjoni m’ghamlitux.
- ukoll simultanjament ser jigu trattati s-sitt u s-seba akkuza billi mill-provi anka tal-Gwardjan Lokali dawn lanqas remotament ma jirrisultawx.
- ukoll ma jirrisultawx pruvati d-disa u l-ghaxar akkuza minhabba dak accennat aktar ‘l fuq.
- li dwar ir-recidiva stante li l-imputat mhux qieghed jigi misjub hati ta’ ebda wiehed mir-reati lilu addebitati r-recidiva palesament ma tissusistix.

Konsegwentement u fuq l-iskorta ta’ dak li ntqal hawn fuq din il-Qorti:

- fil-waqt li tiddikjara l-hames, it-tmien u d-disa akkuzi preskritti u fil-konfront taghhom tiddikjara procediment esawrit;
- mhux qeghdha issib l-imputat hati tal-kumplament tal-akkuzi u konsegwentement qeghdha tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------